MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-15 ta' Frar, 2008

Numru 65/2008

Il-Pulizija
(Spettur Johann J. Fenech )

vs

Joseph Mifsud

Il-Qorti ,

Rat l-imputat Joseph Mifsud iben Giljan u Nikolina nee` Vella, imwieled Qrendi, fit-12 ta` Dicembru, 1954 u residenti Nru. 5, Sqaq Francesco Buhagiar, Qrendi u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 49655 (M) li gie imressaq quddiemha talli:-

Fil-lejl ta` bejn l-24 u l-25 ta` Dicembru, 2007 fi Triq it-Tempesta, Qrendi:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b`atti esterni u ta` bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt meta pprova jaghmel hsara fuq il-vettura tal-ghamla Audi bin-numru AQZ 116, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

2. Gab ruhu b`mod li ta fastidju lil Raymond Meli u l-familja tieghu u b`mod li kien jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta` fastidju ghal dik il-persuna.

Il-Qorti hija mitluba li barra l-piena stabbilita ghal dan ir-reat tapplika l-provvedimenti ta` l-artiklu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta` ta` Raymond Meli u l-familja tieghu.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 30 ta’ Jannar 2008 (esebit *a folio* 16 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-7 ta’ Frar 2008 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-7 ta’ Frar 2008.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara  li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghal finijet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat (esebita *a folio* 14 tal-process), l-fatt li

huwa ghandu problemi psikologici u l-fatt li huwa rregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 325 u 251 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li jikkommettix reat iehor sa zmien sena (1) millum.

Il-Qorti inoltre wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lil imputat b'obbligazzjoni personali taht penali ta' multa ta' mitejn u hamsin Ewro (250 €) milli jkellem, jimmolesta jew jivvessa lil Raymond Meli u lil familja tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------